**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 22 ta' Settembru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 332 / 10RGM

Kawza fil-lista: 13

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-10 ta' Dicembru, 1995 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal - D u D, ahwa B.

2. Illi l-konvenuta sa minn qabel iz-zwieg kienet affetta minn mard u kundizzjonijiet psikjatrici illi l-attur ma kienx jaf bihom u li qatt ma gew lilu zvelati u li kieku kien jaf dwarhom huwa ma kienx jersaq ghall-kuntrattazzjoni ta' dan iz-zwieg.

3. Illi dawn il-karatteristici tal-konvenuta illi nzammu mistura mill-attur irrendew il-kunsens tal-attur ghall-kuntrattazzioni ta' dan iz-zwieg wiehed kompletament vizzjat, u dan kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

4. Illi dawn il-kwalitajiet tal-konvenuta illi nzammu mistura mill-konoxxenza tal-attur u fil-fatt kellhom effett kbir u negattiv fuq il-hajja matrimonjali tal-kontendenti.

5. Illi bejn il-partijiet qatt ma kien hemm diskussjoni serja dwar dawk li huma l-obbligi, ir-responsabbiltajiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga.

6. Illi in oltre l-konvenuta, anke minhabba fil-kundizzjoni taghha kif fuq imsemmi, kienet affetta minn anomalija psikologika serja li minhabba fiha hija ma setghetx taqdi l-obbligazzjonijet essenzjali tal-hajja mizzewga.

7. Illi fil-fatt bejn il-partijiet qatt ma kien hemm komunjoni ta' hajja, il-konvenuta qatt m'uriet ebda affett u mhabba lejn l-attur u kienet titraskura kompletament l-obbligazzjonijiet taghha lejh bhala martu, kemm f'dik li hija hajja ta' kuljum bhal tisjir u tindif u anke f' dawk li huma relazzjonijiet sesswali.

8. Illi ghaldaqstant iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-10 ta' Dicembru 1995 huwa wiehed null u bla ebda effett u dan ai termini tal-paragrafi tal-artikolu l9(l) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali u b'mod partikolari ai termini tal-paragrafi (b) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (h) tal-imsemmi artikolu l9(l) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-10 ta' Dicembru 1995 huwa wiehed null u bla ebda effett u dan ai termini tal-paragrafi tal-artikolu 19(l) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali u b'mod partikolari ai termini tal-paragrafi (b) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (h) tal-imsemmi artikolu 19(l) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(ii) konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv tal-kontendenti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg bejniethom nhar l-ghaxra (10) ta' Dicembru, 1995 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt (2) ulied, D u D, ahwa B.

Illi l-eccipjenti ma taqbilx mat-tieni premessa attrici stante l-fatt illi qabel iz-zwieg l-istess konvenuta kienet tinsab fi stat mentali normali u fil-fatt kien biss wara z-zwieg, precizament wara t-twelid ta' l-ewwel wild tal-kontendenti illi l-konvenuta ghamlet zmien afflitta minn post-natal depression kif huwa normalment mistenni wara kull tqala, u dan kif sejjer jirrizulta ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-kunsens ta' l-attur ghaz-zwieg ma seta' qatt kien vizzjat ghaliex il-konvenuta hbiet minnu xi kundizzjoni mentali stante l-fatt illi l-konvenuta, ghall-kuntrarju ta' dak allegat mill-attur, ma kienet afflitta minn ebda mard jew kundizzjonijiet psikjatrici qabel iz-zwieg.

Illi l-eccipjenti lanqas ma taqbel mar-raba' premessa attrici ghaliex effettivament hija dejjem ghamlet l-almu taghha ghall-familja u l-attur zewgha qatt ma kellu lmenti - kien biss meta huwa beda relazzjoni adultera illi l-attur, wara erbatax (14)-il sena zwieg, beda jsib ix-xaghra fl-ghagina u beda jfittex id-difetti fil-konvenuta.

Illi l-eccipjenti thoss illi diskussjonijiet serji fil-hajja mizzewga kienu nieqsa mhux bi htija tal-konvenuta izda bi htija ta' l-attur innifsu li kien mhedi wisq b’xogholu tant illi kien iqatta' sieghat twal barra mid-dar u meta jirritorna lura kien ikun ghajjien wisq biex jidhol f'diskussjonijiet impenjattivi mar-konvenuta martu.

Illi l-eccipjenti qatt ma kienet afflitta minn anomaliji psikologici serji illi rrendewha inkapaci taqdi l-obbligi taghha fil-hajja matrimonjali.

Illi lanqas ma huwa minnu illi l-kontendenti ma kellhomx bejniethom komunjoni ta’ hajja ghaliex l-eccipjenti dejjem hadet hsieb tajjeb ta' zewgha, ta’ uliedha, tad-dar u tat-tindif u tisjir relattiv u fuq kollox kienet ukoll taqsam ma' zewgha hajja sesswali normali - kien biss meta l-attur dahal fir-relazzjoni extra-maritali illi ma baqax sodisfatt bil-prestazzjonijiet sesswali ta' martu u beda jitlob minnha atti xejn normali anzi perversi kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-eccipjenti ma taqbilx illi z-zwieg taghha ma' l-attur huwa null.

Illi l-esponenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza odjerna stante illi ma tezisti ebda raguni valida ghaliex iz-zwieg de quo ghandu jigi dikjarat null u tifhem illi l-attur zewgha ntavola dawn il-proceduri aktar biex jintghogob minn min ghandu.

Ghaldaqstant, l-eccipjenti temmen illi ghar-ragunijiet premessi t-talbiet attrici ghandhom jigu michud a in toto.

Rat in-nota tal-attur tal-15 ta’ Ottubru 2010 li biha ddikjara li ma gew inizzjati ebda proceduri quddiem it-Tribunal Ecclesjastiku (fol 7).

Rat li waqt l-udjenza tal-4 ta' Mejju 2011, il-Qorti nnominat lil Dr Nadia Vella bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tigbor il-provi viva voce.

Rat li waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-15 ta' Novembru 2011, l-attur ipprezenta tliet affidavits, fosthom l-affidavit tieghu stess.

Rat li waqt l-udjenza tal-24 ta' Jannar 2012, din il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Nadia Vella u nnominat minflokha lil Dr Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbal ta' bejn il-partijiet, waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-24 ta' Frar 2012, li permezz tieghu qabli li x-xhieda li diga nstemgha fil-kawza ta' separazzjoni 405/09AL ikunu japplikaw mutatis mutandis ghall-kawza odjern dejjem b'rizerva ghad-dritt tal-kontro-ezamijiet.

Rat in-nota tal-konvenuta (fol 58) li permezz taghha ipprezentat l-affidavit taghha flimkien ma' zewg cards li t-tfal ghamlu lil missierhom.

Rat li waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-20 ta' Frar 2013, il-konvenut esebixxa kopja tax-xhieda ta' Dr Peter Muscat (Dok CB2 a fol 74) li nghatat fil-kawza ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet (405/09AL).

Rat in-nota tal-konvenuta waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tas-7 ta' Ottubru 2013 li permezz taghha pprezentat Dok AFF1 li ttiehed mill-kawza ta' separazzjoni fl-istess ismijiet , kif ukoll kopji ta' ritratti.

Rat li ghalkemm skada t-terminu ghall-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, dan naqas milli jipprezenta n-nota tieghu;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta a fol 307 tal-process;

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**PROVI**

***Provi tal-attur***

Fl-affidavit tieghu (fol 236) l-**attur** jghid inter alia, illi huwa ltaqa` mal-konvenuta fl-1987 meta hu kellu 20 sena u hi kellha 19. Din kienet l-ewwel relazzjoni serja tieghu. Jghid li ghall-bidu kienu jiltaqghu bhala grupp ta' hbieb, izda mbaghad ried jaqta` minn maghhom ghaliex beda jibza li se jidhol fl-inkwiet u ghalhekk haseb li l-ahjar mod kien li jidhol gharus mal-konvenuta. Jghid li ghalhekk qata` l-hbieb ghal kollox u ddedika ruhu ghax-xoghol, kien jahdem l-AFM, u wara l-hin kien jahdem ta' mastrudaxxa f'Hal Luqa u kien anke jaghmel xoghol ta' mekkanik. Jghid li kien hadem ukoll bhala chef assistant u dish washer fir-Red Lobster Restaurant f'Wied il-Ghajn. Jghid li mbaghad qaleb ghal mal-Awziljari u mbaghad mal-Pulizija. Jghid li minhabba fix-xoghol ma tantx kien jiltaqa` mal-konvenuta, u barra minn hekk hi kienet tahdem bhala waitress f'Tal-Fanal Marssaskala u kienet tqatta` hafna hin tiehu hsieb lil huha li hu persuna b'dizabilita`. Jghid li fil-granet rari li kienu jkunu t-tnejn off kienu jmorru dawra bil-karozza jew joqghodu d-dar mal-genituri taghha. Jghid li kienu ddecidew li jidhlu ghand xulxin malli kien qata` l-hbieb u minghajr ma kienu jafu sewwa lil xulxin. Jghid li missieru ma kienx ha pjacir li qabad mal-konvenuta ghaliex skont hu kienu razza ta' nies egoisti li difficli tghix maghhom, izda hu iktar ghaddas rasu u ghamel fattih u kompla johrog maghha.

Jghid li hu kien jafha minn qabel ghaliex kienu joqghodu biss ftit il-boghod minn xulxin, u jiftakar li kienet qawwija izda mbaghad naqset u giet b'figura pulita u kien hemm li beda johrog maghha. Jghid li waqt l-gherusija kien jaraha tiekol qisha ghasfur u tkompli tonqos, u f'okkazjoni minnhom kif taha tazza bi drink f'idejha kien hassha hazin u stabtet mal-art. Jghid li kemm hu kif ukoll ommha kienu gibdulha l-attenzjoni li kienet qed tonqos wisq izda xorta ma kinitx tiekol. Jghid li kien biss wara z-zwieg li sar jaf li l-konvenuta kellha kundizzjoni partikolari li tirremetti l-ikel li tiekol. Jghid li qabel iz-zwieg ma kienx intebah peress illi ma kienux iqattghu hafna hin flimkien u ma kinux ghamlu granet shah flimkien bhal siefru jew weekend breaks.

Jghid li appena izzewgu kien induna li kien hemm xi haga hazina ghaliex ma kinitx issajjar, u hi hlief hass u tadam u rkotta ma kinitx tiekol. Jghid li meta skopra bil-marda kien kellem lil Fondazzjoni Oasi biex jaghtuha l-ghajnuna u dak iz-zmien ga kellhom lit-tifla l-kbira. Jghid li l-konvenuta kienet marret programm residenzjali Ghawdex ghal madwar xahrejn izda meta giet lura xejn ma kien inbidel.

Jghid li waqt l-gherusija ma kinux jitkellmu fuq iz-zwieg u d-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet tieghu. Jghid li hu kien jahdem minn filghodu sa flghaxija bejn xoghol u l-post biex jipprova jlestih minghajr ma jkollu dejn u filfatt irnexxilu. Jghid li l-konvenuta ma tantx kienet tersaq lejn il-post, dejjem ghand ommha jew tiehu hsieb lil huha. Jghid li waqt l-gherusija kienet dahlet tahdem f'fabbrika izda kellha tieqaf minhabba sahhitha. Jghid li meta lestew il-post kienu ddecidew li jizzewgu ghaliex dak kien qisu l-pass naturali li jmiss. Jghid li d-decizjoni li jizzewgu u d-data kienet iffissata l-konvenuta. Jghid li ghalkemm hu kien ikun jixtieq johrog fil-granet li ma kienx jahdem ma kienx jaqla' glied u ghalhekk kienu jkunu hafna ghand omm il-konvenuta, hafna drabi b'hutha b'kollox. Jghid li hlief *small talk* ma kienx ikun hemm.

Jghid li matul l-gherusija kien ikollhom relazzjonijiet sesswali pero` ma kinitx xi haga regolari. Jghid li anki waqt iz-zwieg il-konvenuta qatt ma kienet tfittex li jkollha kuntatti sesswali mieghu u meta jkunu se jkollhom x'jaqsmu kienet tara kif tohloq argument biex jisfratta kollox. Jghid li kien jinduna li meta kien ikollhom relazzjonijiet intimi hi kienet taghmel kollox bi sforz u kienet iggib ruhha b'tali mod li ggieghlu jhossu *guilty* li qed jisforzaha taghmel xi haga li ma tridx. Jghid li fiz-zwieg kienet iggib ruhha qisu ma kien dahal hadd x'hin kien imur lura u kienet taghmel sighat imsakkra go kamritha u anke rieqda. Jghid li mbaghad skopra li kienet qed tiehu wkoll xi kalmanti. Jghid li maz-zmien keccietu mill-kamra tas-sodda u dahhlet jorqod maghha lil huhha Roderick.

Xehed **Anthony B**, missier l-attur bil-mezz tal-affidavit li jghid inter alia li meta sar jaf minn kienet it-tfajla ta' ibnu ma hax pjacir ghaliex kien jaf li kienu nies ta' natura egoista, wicchom jaqlaghhom u difficli tghix maghhom, izda l-attur izjed irribella u kompla johrog maghha. Jghid li waqt l-gherusija ftit rawha u kien ixxokkja ruhu ghal kemm naqset. Jghid li meta kienu jofrulha xi haga x'tiekol hi dejjem kienet tirrifjuta.

Jghid li anke wara z-zwieg hi qatt ma uriet ix-xewqa li tibni relazzjoni tajba maghhom. Wara t-tieni wild, kienet qaltilhom biex ma jmorrux izjed id-dar taghhom ghaliex ma kienx ikollha pjacir bihom. Izda jzid li l-familjari taghha kienu jkunu dejjem id-dar taghhom, u lil huha Roderick kienu jrabbuh ibnu u l-konvenuta. Jghid li l-attur anke wara z-zwieg baqa` jahdem minn xoghol ghal xoghol u ftit kienu jmorru d-dar taghhom. Jghid li meta kellhom it-tfal, l-attur kien johrog bihom u kien jghidilhom li martu ma kinitx f'sikkitha u baqghet id-dar. Jghid li l-konvenuta baqghet tonqos drastikament u darba anke giet rikoverata l-isptar fejn marru jarawha ghalkemm ma kellmithomx.

Jghid li spiss kien isib lil ibnu jsajjar, jahsel il-hwejjeg jew rieqed fil-garage li ghandu biswit id-dar taghhom, u kien jarah liebes zdingat. Jghid li darba

ikkonfrontah u ibnu qallu li martu ma kinitx issajjarlu u li kienet tbati minn kundizzjoni li tnehhi l-ikel minn gol-istonku taghha. Jghid li sahansitra keccietu mill-kamra tas-sodda u bdiet traqqad maghha lil huha. Qallu li qatt ma qal xejn biex ma jinkwietahomx u minhabba l-fatt li t-tfal kienu ghadhom zghar ma setax jitlaqha. Jghid li saru jafu b'dan kollu wara li l-attur ma felahx izjed jghix f'dik il-hajja u kien telaqha.

Tixhed ukoll bil-mezz tal-affidavit (fol 30) omm l-attur **Tereza B** li tikkonferma illi l-konvenuta qatt ma kellha relazzjoni tajba maghha u ma' zewgha, u fl-okkazjonijiet rari li kienet tmur ghandhom, dejjem kienet tirrifjuta l-ikel. Tghid li wara li twieldet it-tifla z-zghira kienet qaltilhom biex ma jmorrux iktar ghandha. Tghid li wara z-zwieg binha kien dejjem mitluq u zdingat u b'wicc id-dieqa u hosbien, u kien dejjem jigri wahdu ghax il-konvenuta qatt ma kienet tohrog mieghu. Tghid li wara hafna zmien kien fetah qalbu maghhom u qalilhom li l-konvenuta ma kinitx issajjarlu, ma kinitx torhog mieghu, keccietu mill-kamra tas-sodda u ma kinitx qed taqdi d-dmirjiet taghha ta' mara.

Fix-xhieda tieghu moghtija fit-8 ta' Ottubru 2012, quddiem din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet, **Dr Peter Muscat** jghid inter alia, li meta kienet marret tarah il-konvenuta kellha madwar tletin sena, kienet ilha mizzewga xi tliet snin u kellha tifla ta' sena. Hi kienet tqila b'madwar xahar. Qaltlu li kienet tiehu pilloli ghal xi depression u kienet aggravatilha specjalment wara l-ewwel tqala. Kienet qaltlu li kienet inkwetata x'effett seta` jkollhom dawn il-pilloli fuq it-tarbija. Jghid li peress illi sabha tajba u ma kienx hemm sinjali ta' mard mentali, kien qalilha biex twaqqaf il-kura u tmur tarah wara xahrejn, pero` qatt ma rega` raha. Jghid li d-doza li kienet qed tiehu kienet doza zghira hafna. Jghid li semmietlu problema dwar l-ikel fil-passat izda ma kinitx din il-problema li marret tkellmu fuqha dakinhar.

Fl-10 ta' Settembru 2015 tixhed il-konvenuta in kontro-ezami (fol 263) u inter alia tghid illi waqt l-gherusija kienet tahdem St Luke's bejn is-7am u t-3pm u fl-ghaxija kienet tahdem ir-Red Lobster go Wied il-Ghajn. Tghid li fil-bidu nett tal-gherusija kien jahdem bhala suldat bil-lejl u hi kienet tahdem filghodu u ghalhekk kienu jitkellmu fuq it-telephone. Tghid li peress li kienu joqghodu vicin qabel ix-xoghol kien imur ghandha. Tghid li wara x-xoghol gieli kienet tmur hdejh meta kien jahdem ta' telephone operator mal-ADT. Tghid li dan ix-xoghol kollu kienu jaghmluh habba l-post, izda offs kien ikollhom u peress illi kienu ferhanin b'xulxin kienu jippruvaw jiltaqghu kuljum. Biex gabu l-post shell u rrangawh hadmu t-tnejn minghajr ma hadu ebda loan. Rigward il-hbieb li kellu l-attur u li jghid li ried jinqata` minn maghhom, tikkonferma illi wiehed ikkommetta suwicidju u iehor miet bil-mutur qabel ma bdew johorgu

flimkien. Tghid li ma huwiex minnu li ried jinqata` minn ma' shabu ghaliex kienu baqghu jiltaqghu maghhom kemm bhala gharajjes u anke mizzewgin bit-tfal. Tghid li okkazjonalment meta l-attur kien ikun xoghol il-fabbrika, kienet tibqa` sejra hemmhekk. Tghid li x-xoghol principali tieghu dak iz-zmien kien dispatcher l-ADT u kien jahdem bis-shift. Tghid li fl-istess zmien li l-attur kien jahdem Gianpula, hi wkoll kienet tahdem hemm, izda inqas mill-attur. Tghid li spiss kienu jkunu flimkien ix-xoghol, kemm Gianpula, kif ukoll Red Lobster u anke hadmu f'Dar il-Mediterran meta gew Bush u Gorbachov.

Tghid li kienu ilhom tmien snin gharajjes qabel ma zzewgu u ma kienx ikollhom part-time il-gimgha kollha. Kienu johorgu camping mal-guides u mal-iscouts u kienu jmorru jimxu meta ma kellux karozza. Tghid li anke mat-tfal l-attur baqa` jmur l-attivitajiet tal-iscouts. Mistoqsija jekk iz-zmien tal-gherusija iddedikawhx principalment sabiex jaqilghu il-flus sabiex jixtru u jirrangaw il-post minghajr ebda dejn, tghid illi ghall-bidu ma kellhomx dawn il-hsibijiet u kienu johorgu, izda meta xtraw il-post kienu jfittxu li johorgu minghajr ma jonfqu flus, imorru jimxu fil-kampanja u jmorru d-Domus. Tghid li huwa minnu li huha mar jghix maghhom, izda ma ghamlet ebda kundizzjoni u kieku l-attur ma riedux, ma kienx jidhol. Tghid li l-attur kien lestielu kamra u huwa mar jghix maghhom wara l-honeymoon. Tikkonferma wkoll li ghall-honeymoon kienu marru ma' xi koppja hbieb. Tghid li meta marru lura mill-honeymoon kienu marru joqghodu ftit ghand ommu imbaghad meta marru fil-post huha kien mar maghhom.

Tikkonferma li wara l-ewwel tqala u meta kienet tqila bit-tieni wild, hija kienet marret l-Oasi ghaliex kellha post natal depression. Tghid li minhabba fil-post natal depression hija bdiet tiekol u ttella. Tghid li hemmhekk izommu nies li jkollhom addiction bhal drug addicts jew alcoholics u jitghallmu programm ghal matul hajjithom kollha.

Il-**konvenuta** tkompli tixhed in kontro-ezami waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2015 u tghid inter alia illi huma damu madwar xaghrejn tlieta ghand ommha qabel ma marru jghixu fil-post. Tghid ukoll li mhux dejjem kien ikun hemm missieru jghinu fil-post imma gieli kien imur. Tghid li wara x-xoghol kienet tmur kemm meta kien ikun hemm l-attur u anke meta ma kienx ikun hemm biex tisbarazza. Tichad li waqt iz-zwieg qatt kien gie lura mix-xoghol l-attur u sab lil huha rieqed fis-sodda maghha. Tghid li huha qatt ma kien jghir ghall-attur u tichad li l-attur kien jilmenta li qatt ma kienet issajjarlu. Tghid li l-Hadd kienet issajjar ommha u ggibilhom l-ikel u gieli l-attur kien ikun xoghol. Tichad li spiss l-attur kien johrog lit-tfal wahdu ghaliex hi kienet tkun rieqda. Tikkonferma li kienu marru ghand Dun Ang Seychell. Tghid li kienet giet rikoverata l-Oasi ghaliex kellha *eating disorder*.

Tghid li din hargitilha wara l-ewwel tqala ghaliex hi dejjem bniedma attiva u tahdem u meta spiccat id-dar wahedha taghtha taqliba. Tghid li wara z-zwieg l-attur baqa` ghaddej bil-hajja normali tieghu, safar, hrug qisu ma zzewwigx hlief ghas-sodda u biex jigi u jsib il-hwejjeg nodfa. Tghid li kien imur jaqdi lil kulhadd u hi u t-tfal kienu jixtiequh iktar id-dar. Tghid li wara sitt snin li telaqha r-ragel issa ghandha relazzjoni. Tghid li Roderick Schembri cahad il-verzjoni taghha izda xehed il-falz. Tghid ukoll illi wara li rceviet ir-ritratti hi hafritlu izda din Sabrina ma kinitx thalliha kwieta. Tichad li l-attur qatt mar jghix ghand ommu meta telaq mid-dar. Taghmel referenza ghal ritratti Dok PS1, PS2 u PS3 u tghid li dawn ittiehdu fl-2009 u l-attur kien fil-kcina. Tghid li f'April 2009 kienet ghamlet *missing person report* ghaliex siehbu kien instab mejjet u kienet inkwetat li seta` jigrilu l-istess haga.

Giet ipprezentata wkoll da parti tal-attur, ix-xhieda ta' **Noel Scerri**, rapprezentant ta' l-Oasi, li kien xehed waqt il-proceduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet fit-30 ta' Gunju 2010, u li qal li li huwa l-manager tat-treatment and rehabilitaion ta' l-Oasi u l-konvenuta bdiet volontarjament il-programm residenzjali fil-21 ta' April 1999 minhabba li kienet qed issofri minn eating disorder li kienet bulimia. Spjegali l-effetti huma li tinghalaq ghalik wahdek, tkun irritabbli, fizikament nuqqas ta' sahha u ma jkunx hemm patterns ta' rqad, tqum bil-lejl fejn tiekol u ttella` u s-sistemi jithawwdu. Il-konvenuta kienet semmiet li mhux dejjem kienet issajjar id-dar. Spjega li din hija kundizzjoni mentali u emozzjonali. L-ahhar kuntatt kien fil-21 ta' Ottubru 1999, u l-counsellor tal-konvenuta kienet qalet li ghalkemm l-attur kien imur ghall-visits, kien hemm nuqqas kbir ta' komunikazzjoni u ppjanar bejn il-koppja. L-attur kien imur kull gimgha u kien itella` mieghu lit-tifla u lil hu l-konvenuta li kien jghix maghhom. Kienet decizjoni tal-konvenuta li tieqaf mill-programm, u meta marret il-councillor ghall-ahhar laqgha l-baby kellha sitt ijiem ghalhekk kien hemm raguni ta' logistika.

In kontro-ezami xehed illi meta marret il-councillor ghall-ahhar session, din irraportat li l-konvenuta kienet qaltilha li kellha aptit il-hin kollu tibki li huwa sinjal ta' post natal depression.

***Provi konvenuta***

Il-**konvenuta C B** tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 59 et seq) u tghid inter alia, ma hemm 1-ebda raguni li ghandha twassal sabiex iz-zwieg taghha jigi dikjarat null. Ghall-kuntrarju ta’ dak li qed jipprova jghid l-attur, 1-gherusija taghhom kienet wahda normali kif ghandha tkun bejn koppja u li twassal ghal preparazzjoni tajba ghaz-zwieg. Tghid li ghalkemm A jipprova jaghti x’jifhem li huwa beda 1-gherusija maghha semplicement biex jinqata’ minn ma’ shabu li skont hu, kienu dejjem jixorbu u li setghu igibuh fl-inkwiet,

shabu ma kienux it-tip li jaqalaw 1-inkwiet u fil-fatt illum il-gurnata kollha mizzewgin u bil-familja u qatt ma kellhom xi nkwiet. Ir-ritratti esebiti f'din il-kawza jikkonfermaw kemm fil-fatt kienu baqghu jghaddu zmien ma' hbieb. Kienu jghixu hajja ta' gherusija kif suppost u mhux bi sforz izda ghax verament riedu lil xulxin.

Tghid li ghalkemm ghall-bidu li ltaqghu fl-1987, hu kien jahdem bhala suldat, dak iz-zmien ma kienx jaghmel part time mal-Melita Furniture ghax hi kienet qabbditu jahdem hemm fl-1990, u lanqas ma' huwa minnu li kienet tahdem bhala waitress il-Fanal dak iz-zmien tal-gherusija ghaliex kien biss fis-sena 1996 li bdiet tahdem hemm sakemm harget tqila. Dak iz-zmien kienet tahdem gewwa Red Lobster Restaurant u A spiss kien ikun xoghol maghha hemm. Is-Sid ta' dan ir-restaurant kien sar habib taghhom, sahansitra it-tieg ghamluh hemm. Tghid li wara anke 1-istess owner ma' martu kienu siefru maghhom ghall-Honeymoon fejn hadu gost hafna. Meta A kien ikun xoghol part-time Gianpula bhala barman hi gieli hadmet mieghu u kienu jaraw kif jaghmlu biex ikunu flimkien.

Tghid li l-verita hi li huma kellhom gherusija normali fejn wara gurnata xoghol, kienu jiltaqaw u jsiru jafu aktar lil xulxin, u l-hin li kienu jghaddu flimkien ma kienx ikun xi haga rari izda kien ikun frekwenti kif suppost ghandu jkun bejn koppja f'relazzjoni serja.

Tghid ukoll li qabel izzewgu kienu damu kwazi tmien (8) snin gharajjes, u kienu jmorru granet Ghawdex go flat u anke campings wahedhom kienu jmorru u ma' l-iscouts.

Dan tispjegah ghaliex ghalkemm l-attur jipprova jaghti x'jifhem li huwa qatt ma nduna b'certu sintomi li qed jallega li kienet tbati minnhom qabel ma zzewgu, ghaliex qatt ma kien hemm bizzejjed hin sabiex jinduna bihom, dan m'huwiex minnu. L-unika raguni ghalfejn qatt ma nnota ebda 'sintomu' jew xi haga hazina kien propju ghaliex ma kien hemm xejn hazin. Kienet tfajla normali bhal ma hu kien guvni normali u daqstantiehor kienet normali 1-gherusija taghhom u 1-hajja ta' zwieg.

Tghid li minn harsa lejn ir-rikors u 1-affidavit prezentat minn A jidher car li wahda mir-ragunijiet fuq liema hu qed jipprova jibbaza t-talba tieghu hi li waqt 1-gherusija hi hbietlu xi kundizzjoni partikolari jew li kienet tbati minn xi "anomalija psikologika" li affetwat il-kapacitajiet taghha li taqdi 1-obbligazzjonijiet taghha fil-hajja mizzewga.

Fir-rigward tal-figura taghha u tal-fatt li l-attur jghid li jiftakarha qawwija meta kien jaraha qabel bdew johorgu flimkien tghid li sa fejn taf hi, qatt ma

kienet ratu qabel ma kienu ltaqghu l-Youth Centre u l-figura taghha kienet dak iz-zmien 1-istess bhal meta kienu qed johorgu flimkien. Tghid li ghalkemm meta kienet izghar kienet ftit mibruma, qatt ma kellha figura qawwija hafna u qatt ma ghamlet xi dieta drastika jew xi sforz zejjed biex tirqaq jew li rqaqet ghax kellha xi problemi. Meta bdiet tizviluppa, bdiet toqghod aktar attenta ghad-dehra taghha u taghmel sports. Kienet anke fit-team tal-basketball ta' 1-iskola fejn kienet tmur minn mindu kienet xebba, u dejjem tafha l-istess daqs u figura. Dan kollu jistghu jikkonfermawh xi ritratti li se ter tipprezenta, u li juru wkoll kemm hi u l-attur kienu jgawdu l-hin flimkien bhala koppja u bhala familja. Kienu kuntenti u jhobbu lil xulxin.

Tghid li hi tiekol minghajr ma tesagera ghaliex l-esagerazzjoni ma hijiex tajba ghas-sahha. Tghid li ma huwiex minnu li kienet tirrimetti l-ikel u li darba qabadha u ikkonfrontaha fuq hekk. Tghid li kien hemm ftit zmien qasir wara li kienet welldet 1-ewwel tifla li l-ikel kien xi kultant idejjaqha u kienet tispicca tirrimettih izda mhux apposta. Izda xorta tispjega li l-attur qatt ma kkonfrontaha fuq dan il-fatt. Dwar l-incident fejn l-attur jghid li hassha hazin wara li taha drink f'idejha tispjega li dak kien minhabba l-ghejja tal-gurnata.

Tghid li z-zwieg taghhom kien iccelebrat b'mod regolari bhal kull zwieg iehor wara gherusija twila matul liema kienu saru jafu lil xulxin sew u kienu t-tnejn preparati sew ghal dan il-pass. Tghid li d-decizjoni li jizzewgu haduha t-tnejn flimkien u ghamlu sentejn jippreparaw herqana ghal dan il-pass. Tghid li fil-post kienet taghti daqqa t'id kull fejn setghet, u kien zmien fejn ukoll kienu qed isiru jafu lil xulxin.

Huma zewgu fl-10 ta' Dicembru 1995, wara gherusija twila ta' aktar minn tmien snin, u kienet okkazjoni memorabbli ghalihom bhal ma kien memorabbli 1-honeymoon taghhom gewwa lukanda f'Tunez. Il-hajja ta' matul iz-zwieg kienet ukoll wahda normali. Tghid li mhux minnu li ma kinitx issajjar u kien biss meta kienet tkun xoghol u hu kien ikun gej qabilha, li ommha kienet iggieblu 1-ikel biex ma joqghodx jaghmel hu. Anke meta kien ikun off u hi kienet tkun xoghol kien jghidilha biex tghid lil ommha ssajjarlu xi haga biex ikun jista jmur il-garage jirranga xi karozza. Tghid li sahansitra meta kienu gharajjes kienet issajjarlu anke meta jispicca xoghol fil-11 kienet tistennih u tlestilu xi haga tal-ikel, ghaliex id-dar tieghu sandwich biss kien jiehu.

Dwar 1-allegati problemi psikologici, tispjega li kien biss wara 1-ewwel bint D, waqt iz-zwieg, li qabditha post natal depression. Hi kienet persuna dejjem attiva, tahdem u dejjem okkupata, izda wara li kellha t-tifla ghamlet xi zmien hassietha wahedha hafna. Tghid li ghalkemm ghamel xi zmien iqum hu bil-lejl sabiex hi tkun tista` tistrieh, l-attur xorta baqa ghaddej bil-hajja tieghu,

anke siefer dak iz-zmien mal-kumpannija ta' Animation 'Synergix' peress li kien ghamel zmien jahdem bhala animator. Tghid li zmien wara li kellha t-tifla kien imissha tmur ghall-vizta ta' wara tqala u meta dahlet fejn it-tabiba u nurse nfexxet f'bikja. Dak il-hin stess it-tabiba ghamlitilha appuntament ghal ma' Dr. Ethel Felice ghaliex fl-opinjoni taghha kienet qed issofri minn post natal depression. Kienet bdiet tmur ghal vizti regolarment u kienet qalet lil A sabiex inaqqas mill-hinijiet tax-xoghol sabiex ikun aktar maghha. Tatha anti-depressants biex tikkalma ftit u thossha ahjar. Izda l-attur baqa' ghaddej b'hajtu daqs li kieku xejn u qatt ma naqqas mix-xoghol.

Tkompli tghid hekk:
*"Sena u xahrejn minn meta kelli l-ewwel tarbija jien kont ergajt hrigt tqila bit-tieni tarbija tieghi. Jien waqqaft l-anti-depressants ghaliex bzajt li setaw jaghmlu hsara lit-tarbija. Dak iz-zmien kont spiccajt hazin hafna. Ga minn ftit wara li kelli l-ewwel tarbija, minhabba s-sitwazzjoni li kont fiha dak iz-zmien, kont spiccajt il-hin kollu nnaqqar u l-ikel beda jweggghali l-istonku u allura bla ma ridt kont naqla' kollox. Waqt it-tieni tqala din is-sitwazzjoni baqghet prezenti u allura bdejt nibza' illi kont ser naghmel hsara lit-tarbija. Dak iz-zmien habiba qrib hafna tieghi li kont ftaht qalbi maghha issuggeritli illi navvicina lil Fondazzjoni Oasi, ghax bezghet li jien stajt, nizviluppa xi problema bl-ikel.*

*12. Din il-habiba tieghi kienet ikkuntatjat lil certu Noel Scerri li kien jahdem gewwa l-fondazzjoni Oasi u kellmitu fuqi u niftakar wara li kien ikkuntatjani bit-telephone gie jkellimni d-dar sabiex jaghmel assessment tas-sitwazzjoni u kien qalli li meta nkun komda stajt immur ghat-terapija. A f'din is-sitwazzjoni kollha kien jibqa' mutu ghax hekk maghmul u halla f'idi. Kienet decizjoni iebsa hafna peress li kelli tifla ta' sena u ftit xhur u jien ridt nara fejn u ma min kont ser inhalliha. Xtaqt hafna nehodha mieghi, pero dan ma kienx possibbli u allura ommi offriet li zzomli t-tifla. A sa dan it-tant baqa' ghaddej b'hajtu ritmu normali. Ommi kienet tiehu hsieb tnaddaflu hwejjgu u taghmillu l-ikel. Wara ftit li kont gewwa l-Oasi A beda jigi hdejja kull nhar ta' Hadd mat-tifla u ma' hija Rodrick. Hrigt mill-Oasi madwar xahrejn wara u dak iz-zmien kont inhossni mort ghall-ahjar. Verament li dak iz-zmien ma kienx facli u sabih ghalija pero' meta nhares lura u partikolarment meta nhares lejn meta qbadt lill-zewgi f'relazzjoni adultera u hfirtlu u issa meta gejt iffacjata habta u sabta bis-separazzjoni u issa anke annullament, nirringrazzja l'Alla illi kont ghamilt dak il-programm gewwa l-Oasi ghaliex kien grazzi ghal dak li tghallimt illi rnexxieli niffaccja l-ghawg kollu li habbatt wicci mieghu u li sibt mezz ta' kif nghix b'din il- piena minghajr ma nitkisser - anzi sibt bizzejjed forza u kuragg sabiex nghajjex lit-tfal wahdi u nservi ta' omm u missier peress li A qata' kull kuntatt mieghi u ma' wliedna.*

*Wara li gejt mill-Oasi jien kont tajba hafna u ftit taz-zmien wara wellidt it-tieni tifla Raiza. Jien ghamilt hilti kollha biex naffaccja 1-hajja bil-problemi kollha illi din setghet iggib u dan minghajr ma ngib id-dinja fit-tarf u pruvajt naccetta aktar lill-zewgi ghax sfortunatament appogg kbir minn ghandu ma tantx sibt. Fil-fatt meta kont niprova nattendi xi korsijiet fuq it-trobbija tat-tfal kien jghid li ma kellix x'nambihom, allura kont immur wahdi. Qisu A ma fehemx li issa hemm zewgt itfal fil-familja u allura jrid iqassam il-hin ghalihom ukoll."*

Tkompli tghid li dwar it-trobbija tat-tfal u 1-qadi ta' dmirijiet taghha bhala omm u mara mizzewga hija kienet taghmel dak kollu li kien ikun hemm bzonn - it-tindif tad-dar, hasil ta' hwejjeg, tisjir, tghin lit-tfal fil-homework meta kellhom bzonn jew attivitajiet ohra bhal perezempju jippreparaw il-figolli zghar ghat-tfal tal-klassi, twassalhom ghall-muzew, u laqghat tal-'girl-guides' u attivitajiet ohra fosthom lezzjonijiet ta' drama u kitarra.

Tispjega illi minkejja illi A kien ragel mizzewweg, aktar u aktar missier, dan kien ghadu jghix hajja ta' guvni, u tesebixxi zewg (2) cards wahda tal-Birthday u 1-ohra ta' Jum il-Missier li t-tfal ghamlu lil missierhom. F'wahda minnhom it-tifla kienet qaltlu li kienet tixtiequ aktar maghhom filwaqt li f'card ohra t-tifla wriet ix-xewqa taghha li f'Jum il-Missier huwa joqghod il-jum kollu maghha u mhux xoghol.

Tghid li jiddispjaciha ghall-fatt illi wara kwazi erbatax-il sena zwieg fejn A qatt ma lmenta dwar il-hajja sesswali taghhom, issa qieghed jipprova jhammigha u jghid li ma kinitx taqdih sesswalment. Ghall-kontra tghid min jaf kemm-il darba tkun ghajjiena jew genba jugghahha jew kien ikun gej minn barra, mahmug kif ikun, u kien jippretendi li jkollhom x'jaqsmu. Hi kienet toqghod pero` mhux 1-ewwel darba li spiccat titla fuq fil-washroom tibki wahedha ghax kienet thossha wzata. Kienet tixtieq li zewgha jaghti kaz tal-bzonnijiet taghha u mhux jinqeda hu u jorqod.

Tghid li ghall-habta tat-2004 jew 2005 kienet irceviet ritratti ta' A ma' mara ohra, fejn A kien jidher jizfen ma' din il-mara. Din 1-istess mara kienet cemplitilha d-dar u taghtha xeba lsien fejn fost 1-ohrajn qaltilha li tghir ghaliha ghax hi kellha li m'ghandhiex hi. Tghid li anke cemplilha r-ragel ta' din il-mara certu Roderick Schembri li kien spjegalha illi din ir-relazzjoni bejn zewgha u 1-mara tieghu certu Sabrina Schembri, kienet ilha ghaddejja zmien twil u li kien segwihom u qabadhom flimkien.

Tghid li hi ghazlet it-triq tal-mahfra u ghalkemm l-attur ammetta maghha, hija hafritlu bil-premessa illi hu ma jergax u li jbiddel 1-attitudni tieghu mhux biss lejha izda anki lejn it-tfal. Tghid li pero` ghamel ftit zmien fejn biddel 1-

attitudni tieghu izda mbaghad rega` koppi. Tghid li kienu marru irtir ghall-mizzewgin - pero’ A kien ilmenta illi dawn 1-affarijiet idejquh u ma jghoddux ghalih u allura ma regax mar maghha ghal laqghat ta’ dan it-tip. Qattaw madwar sentejn fil-kwiet fis-sens illi A kien qieghed isib aktar hin ghall-familja izda mbaghad kien rega’ beda jghidilhom illi kien qieghed idum hafna ghax-xoghol l-ADT u fil-fatt kien jigi lura d-dar filghodu kmieni. Kien spiss jigi d-dar ibiddel u jerga’ jitlaq ghax-xoghol.

Tghid li precizament minn April tas-sena 2009 lanqas flus id-dar ma kien baqa’ jgib. Qabel il-paga tieghu kienet tigi b’cheque id-dar pero’ f'salt wiehed dan waqaf. Hu kien jghidilha li 1-ADT qed thallas b'lura, jew li 1-ADT ghandha hafna tgerfix fil-pagi jew inkella li kienu ser imorru taht kumpanija ohra u allura s-sistema tal-pagi kienet imhawwda. Eventwalment kienet cemplet lil ADT u assigurawha illi 1-paga fil-verita’ kienet qed tohrog regolarment u qalulha illi kienet qed tmur ghand omm A. F’dan iz-zmien ukoll hu kien ta’ spiss jghidilha illi kien qieghed jintbghat fuq xoghol Ghawdex u fil-fatt kull weekend kien qieghed ikun Ghawdex u jghidilha illi kienu jorqdu fi flat tal-ADT u kien jirrfjuta illi jiehu mobile mieghu.

Tghid li darba, wara li ghadda weekend fejn A suppost kien qieghed Ghawdex izda dan baqa’ ma giex lura, hija marret 1-ghassa ghaliex inkwetat peress illi ftit taz-zmien qabel kienu sabu katavru ta’ kollega ta’ A mejjet fuq Dingli cliffs. Marret 1-ghassa u meta l-pulizija qabduh qalilhom illi kien ilu tlett (3) snin ma jkollu x’jaqsam maghha. Dak il-hin hadet shock qawwi u kellhom iwassluha d-dar il-Pulizija. Tghid li din kienet gidba ghaliex fil-fatt sa Awwissu tat-2009 kien ghadu jghix id-dar. L-ghada mbaghad kien cemplilha u qalilha li z-zwieg taghhom spicca u minn dakinhar l quddiem kellha tkellmu bl-avukat.

Hija tikkonkludi li tassew temmen li ma jista’ qatt ikun il-kaz li jigi konsidrat li dan iz-zwieg jigi annullat ghaliex 1-gherusija taghhom kienet wahda responsabbli u serja, kienu saru jafu sew lil xulxin u min-naha taghha qatt ma hbiet xejn lilu u wisq inqas ma kellha x’tahbi. Ma kellha ebda problemi psikologici jew problemi ta' kwalunkwe tip iehor li qatt zammet misturin minnu.

Tghid li l-fatt li wara li welldet 1-ewwel tarbija kienet ghaddiet minn zmien ta' depressjoni bl-ebda mod ma ghandu jintuza biex jinftihem li qabel ma zzewgu kienet hbiet xi haga minnu. Tghid li r-raguni ta' l-attur hi li issa ghandu mara ohra u qed jghix ma’ din Sabrina u ma’ bintha li qieghed irabbiha maghha, pero` lil uliedu skartahom. Tghid pero’ li z-zwieg taghha ma ghandux jigi annullat ghax dan kien zwieg awtentiku u komplut f’kull sens.

Tixhed ukoll **Dr Ethel Felice** waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-24 ta' April 2013, li tghid inter alia illi hi ratha sitt gimgha wara li twieldet it-tarbija taghha f'Jannar 1998, u kienet imdejqa, tibki ghal xejn b'xejn u sabet lilha nnifisha wahedha u kellha bzonn tiehu l-kura. Tghid li bdietilha l-Paxetin li ghada tiehu sallum. Tghid li huma anti-depressants u kienu adegwati biex tiehu hsieb il-baby ghax ma kienux sedative. Tghid li kien hemm zmien ukoll li fih bdiet tirremetti l-ikel u marret xahar l-Oasi ghal kura. Tghid li kien hemm ukoll okkazjoni fejn ratha mar-ragel sabiex tispjegalu l-post natal depression u l-eating disorder. Tghid li dak iz-zmien il-problema kienet akuta. Hija tiltaqa` maghha l-isptar Mater Dei xi kultant u so far tghid li kienet mhux hazin. Tghid li taf li kellha t-tieni baby wkoll pero` minn dak iz-zmien ma regax kellha konsultazzjoni maghha. Tghid li qatt ma ezaminata fiz-zoghzija. In kontro-ezami tispjega li l-eating disorder taghha tissejjah bulimia u taf li hargitilha minhabba l-istress tat-tarbija, pero` jista` jkun li kien hemm kundizzjoni qabel. Tghid li peress illi ma sabitx notamenti ma tistax tghid kinitx hemm qabel jew le.

Il-konvenuta tipprezenta wkoll kopja tal-affidavits taghha, ta' ommha Mary Rose Camilleri, ta' Angelo Camilleri, ta' Joan Battista, ta' Aine Montebello, ta' Aine Mary Ciappara, ta' Lorenza Bonavia, ta' Dr Sandra Vella Briffa u ta' Victoria Bondin, liema affidavits gew ipprezentati fil-kawza ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet.

Fl-affidavit taghha a fol 90, il-**konvenuta** tghid, fost affarijiet ohra, illi huma kellhom gherusija normali, kienu jitkellmu u jikkomunikaw tajjeb. Dejjem irrispettaw lil xulxin u dejjem solvew id-differenzi. It-tilwim taghhom kien ikun ghaliex l-attur kien iqatta` hafna hin il-garage ta' huh, jew fuq il-politika. Tghid li waqt l-gherusija kienet thoss li hu kien ipoggi l-familja tieghu l-ewwel u qabel kollox. Dak li kienu jghidulu l-genituri tieghu kien iwettqu kelma b'kelma anke jekk hi ma kinitx taqbel. Tghid li kellhom relazzjonijiet intimi anke qabel iz-zwieg, u ghalkemm hi kienet tibqa` lura, kienet tiehu gost li l-konvenut kien tant qrib taghha ghaliex kienet thobbu. Id-decizjoni li jizzewwgu haduha flimkien u t-tnejn kienu herqana. Tghid li ghall-honeymoon kienu marru flimkien ma' koppja ohra izda xorta hadu pjacir u kellhom hin ghalihom.

Tghid li ghall-bidu tal-hajja matrminonjali ma kellhomx inkwiet ghalkemm il-konvenut kien jahdem bla razan u hi kienet anke sabet part-time job biex ma tibqax id-dar wahedha. Tghid li wara sentejn li zzewgu kellhom l-ewwel tarbija u kienu kuntenti. Izda hi kienet waqfet mix-xoghol u bdiet thossha wahedha, dejjem tibki u mdejqa. Tghid li giet djanjostikata b'post natal depression u bdiet tmur ghand Dr Ethel Hili li tatha wkoll xi anti-depressants

ta' doza hafifa. Hija kienet tat parir lill-konvenut sabiex inaqqas mill-hinijiet tax-xoghol izda hu xorta baqa` ghaddej.

Tghid li dakinhar tal-koncepiment tat-tieni tarbija, kien San Valentinu u hija rritornat lura d-dar mix-xoghol ghajjiena hafna u huwa kien sfurzaha biex tmur mieghu. Tghid li hi kienet waqqfet l-anti depressants u spiccat f'qaghdha hazina hafna. Ga wara l-ewwel tarbija kellha eating disorder ghax peress illi kien ikollha hafna hin wahedha kienet toqghod tnaqqar imbaghad kien jugaghha l-istonku u taqla` kollox. Tghid li hadet il-kura ma' l-Oasi u meta harget hassitha hafna ahjar.

Tghid pero` li zewgha baqa` ghaddej normali, jahdem kemm jiflah, passiv u ma kienx kapaci jghinha taffronta l-problemi. Tghid li uliedhom kienu jhossu hafna n-nuqqas tieghu ghaliex hu ma kienx iqatta` hin maghhom u meta jkollu xi ftit zmien 'l boghod mix-xoghol jiftiehem ma' haddiehor. Tipprezenta zewg kartolini li ghamlu t-tfal lil zewgha li juru x-xewqa taghhom biex missierhom iqatta` izjed zmien maghhom. Tghid li filwaqt li l-familja kollha tieghu kellhom cavetta tal-garaxx, hi ma kellhiex. Tghid li gie zmien fejn kien beda jghajjat maghha, jidghi u jheddidha dwar il-politika. Tghid li hu kien iffissat u kien jitlaq lill-familja biex imur attivitajiet politici.

Tghid li ghall-bidu taz-zwieg l-intimita` kienet izjed regolari ghalkemm dejjem issehh meta jrid hu. Kien jinqeda hu biss imbaghad idawwar wiccu u jorqod u ma kienx jifhem illi wara gurnata tiehu hsieb zewgt itfal u x-xoghol tad-dar ma kienx ikollha aptit.

Tghid li meta rceviet ritratti tal-konvenut ma' mara ohra, din il-mara kienet cemplitilha d-dar u taghtha xeba` kliem u fost affarijiet ohra qaltilha li ma kinitx qed taqdih tant li kellu jixtri mezzi ohra biex jinqeda. Tghid li dak iz-zmien il-konvenut kellu relazzjoni ma' din il-mara, u kien anke cemplilha r-ragel ta' din il-mara Roderick Schembri li kien spjegalha li din ir-relazzjoni kienet ghaddejja ghal zmien twil. Izda hi hafritlu ghaliex hu ammetta u kien qalilha li kienet din Sabrina Schembri li ffissat fuqu, u hi hafritlu bil-premessa li jbiddel l-atitudni lejha u lejn it-tfal. Tghid li hi ippruvat issalva dan iz-zwieg izda wara sentejn fejn donnu l-konvenut kien qed isib aktar hin mal-familja, imbaghad rega` qaleb ghad-drawwiet hziena.

Tghid li wara li kienet ircevit ir-ritratti tieghu ma' din Sabrina, huwa kien juri certa imgieba sesswali perversa u kien jippretendi li tikkopera mieghu. Hija kienet titqazzez dawn l-affarijiet izda kienet toqghod halli ma jergax jitlaqgha bl-iskuza li ma kinitx taqdih sesswalment. Kien anke wasal f'punt fejn kien ikollu x'jaqsam maghha minn wara ripetutament ghalkemm kienet tumilja

ruhha u twegga`, u darba spiccat l-isptar minhabba li bdiet titlef hafna demm minn wara u tipprezenta case summary Dok CB4 in sostenn ta' dan.

Tghid li l-konvenut rega` beda idum hafna x-xoghol u kien jigi d-dar filghodu kmieni. Kien jigdeb hafna u kien jigi d-dar, ibiddel u jghidilha li rega` sejjer xoghol ta' bil-lejl, izda mbaghad kien jigi minghajr l-icken hjiel ta' ghejja. Tghid li minn April 2009, waqaf jigi c-cekk tal-paga tieghu id-dar u kien jghidilha li l-ADT kienet thallas b'lura. Fil-verita` skopriet li l-paga kienet qed tmur ghand omm il-konvenut. Huwa kien jghidilha wkoll li kull weekend kien qed jintbaghat fuq xoghol Ghawdex u li kien jorqod go flat tal-ADT Ghawdex.

Il-konvenuta tghid li darba minnhom meta suppost kien Ghawdex ghal weekend izda baqa` ma giex lura, hija kienet marret l-ghassa ghaliex inkwetat u meta l-pulizija qabduh hi hadet xokk ghaliex qalilhom li kien ilu tliet snin ma jkollu x'jaqsam maghha. Tghid li l-ghada kien cemplilha u qalilha li z-zwieg taghhom spicca u li kellha tkellmu bl-avukat. Tghid li minn dak iz-zmien anke l-kuntatt mat-tfal qata` ghal kollox u t-tfal ma jistghux jifhmu ghaliex. Issa l-konvenut qieghed f'relazzjoni ma' Sabrina li kellu relazzjoni maghha qabel u qed jghix maghha flimkien ma' bintha.

Fl-affidavit taghha a fol 113, omm il-konvenuta **Mary Rose Camilleri** tghid fost affarijiet ohra illi ghalkemm kwiet, il-konvenut jizbel bl-ikrah. Tghid li waqt argument id-dar taghhom, huwa gholla l-mejda tal-kcina. Izda mill-bqija tghid li kien bniedem migbur. Iz-zewg partijiet hadu d-decizjoni li jizzewgu flimkien u d-decizjonijiet taghhom kienu jahsbuhom sew.

Tghid ghall-ewwel snin taz-zwieg tal-partijiet, kien jidher wiehed felici, izda mat-twelid tat-tieni wild il-konvenuta bdiet bil-problemi f'sahhitha. It-tobba kienu qalulha li qed tbati minn post natal depression u l-konvenuta kienet marret Ghawdex sabiex tikkura ruhha. Tghid li hi zammitilhom it-tifla u l-attur kien imur jiekol ghandhom kuljum u sahansitra kienu tahsillu u tippreparalu hwejgu. Tghid li meta giet lura, l-konvenuta dehret ahjar u l-hajja matrimonjali taghhom kienet tidher li sejra tajjeb.

Tghid li xi hames snin ilu, l-konvenuta kienet urietha ritratt li kienet irceviet ta' A jizfen ma' mara ohra izda hi tant kellha fiducja fih li qaltilha tqatta` kollox. Minn dakinhar ma semghet xejn izjed u ma kinitx taf bl-inkwiet li kien ghaddej minn taht. Tghid li pero` f'Awwissu 2009, bintha kienet cemplitilha u qaltilha li se jisseparaw. Tghid li l-konvenuta baqghet sa issa tittama li l-attur jigi lura lejn familtu.

Waqt is-seduta tat-23 ta' Ottubru 2014, omm il-konvenuta **Mary Rose Camilleri** xhedet in kontro-ezami. Fost affarijiet ohra tghid illi fl-gherusija l-partijiet kienu jqattghu hafna hin fil-post u kienu jmorru ghandha u johorgu lil hu l-konvenuta Roderick. Tghid li meta kienet 14/15 kienet naqra mibruma u meta kibret bdiet toqghod attenta x'tiekol anke hi kienet taghmlilha l-ikel. Mistoqsija jekk kienx hemm perjodu meta kienet tnehhi l-ikel tghid li lanqas meta kienet tqila ma kienet tnehhi l-ikel. Tghid li kienet marret Ghawdex propju habba l-post natal depression, u ma kellhiex problema ta' ikel. Tghid li l-problema kienet bejn l-ewwel u t-tieni wild, u wara t-tieni wild ma kellha ebda problema. Ma tafx li kellmet lil xi professjonisti dwar il-problema tal-ikel u lanqas li tkellmet fuq it-television. Tghid li mid-dar kienet tiekol frott u anke ghagin il-forn.

Jixhed ukoll **Angelo Camilleri**, hu l-konvenuta (fol 121), li fost affarijiet ohra fl-affidavit tieghu jikkonferma illi ghall-bidu taz-zwieg kollox kien normali u kienu jidhru kuntenti. Jikkonferma wkoll li wara li kellha l-ewwel tifla l-konvenuta kellha bzonn il-kura Ghawdex. Jghid li l-problemi bejn il-partijiet bdew meta ohtu kienet irceviet xi ritratti ta' zewgha ma' mara ohra izda kienet hafritlu. Jghid li meta telaq mid-dar l-attur ma regax avvicina la lill-konvenuta u lanqas lill-uliedu, li ma jistghux jifhmu ghaliex missierhom ma jridx jaf bihom.

Tixhed ukoll **Joan Battista** bil-mezz tal-affidavit (fol 125) li tghid inter alia, illi l-konvenuta tipprova taghmilha kemm ta' missier u kif ukoll ta' omm biex ma jkomplux ihossu n-nuqqas tieghu, aktar u aktar ghaliex ma jistghux jifhmu ghaliex missierhom ma jkellimhomx.

Tixhed ukoll bl-affidavit **Aine Montebello** (fol 127) li fost affarijiet ohra tghid li l-partijiet dehru koppja kuntenta u maghquda u dejjem tarahom flimkien bit-tfal.

Tixhed ukoll **Aine Mary Ciappara** (fol 130) li fl-affidavit taghha tghid li saret taf lill-konvenuta hames snin ilu meta hija applikat ghal kors ghal self-empowerment. Tghid li l-konvenuta kienet ghamlitu ghaliex kienet hasset li ghaddejja minn zmien difficli u ghalkemm kienet taf li zewgha kellu relazzjoni ma' haddiehor, hija kienet determinata li tibqa` tahfirlu biex issalva z-zwieg taghha.

Tixhed ukoll gara ta' omm il-konvenuta **Lorenza Bonavia** li fl-affidavit taghha a fol 131, tghid, inter alia, illi dejjem rat lill-partijiet bhala zewgt itfal bil-ghaqal u migbura u li z-zwieg taghhom kien jidher felici. Dan tikkonfermah ukoll gara ohra **Victoria Bondin**, li fl-affidavit taghha a fol 137

izzid illi dak li kienet tinnota huwa li spiss il-konvenuta kienet tkun wahedha bit-tfal u gieli anke meta kienet tistedinhom, l-attur ma kienx imur.

Tixhed ukoll **Dr Sandra Vella Briffa** (fol 135) li fl-affidavit taghha tghid inter alia, illi hija habiba kbira tal-konvenuta u li kienu ltaqghu meta l-konvenuta kienet qed tikkura l-eating disorder taghha meta kienet tqila. Tghid li l-konvenuta hija persuna rizervata, u meta fethet qalbha maghha kien tard wisq ghaliex qaltilha li z-zwieg kien sfratta ghaliex qabdet lil zewgha ma' mara ohra.

Waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tat-2 ta' Dicembru 2013, jixhed l-**attur** in kontro-ezami li jghid inter alia, illi bhala statura jiftakar li meta kienet l-iskola jew se tispicca l-iskola, il-konvenuta kienet qawwija, izda mbaghad naqset. Jghid li qabel ma kellhom it-tfal darba kien gie crew tat-television u intervista lill-konvenuta dwar il-bulimia. Jghid li qabel ma kellhom it-tfal kien gieli jaraha tiekol xi haga imbaghad tmur fit-toilet tnehhi l-ikel. Mistoqsi x'kienet tkun ir-reazzjoni tieghu jghid li darba qaltlu li kienet se tmur ghand psikjatra u dan kien Peter Muscat li xehed li ma jaf xejn. Jghid li kienet marret ghandu qabel ma nqabdet tqila u jghid li meta kienet tqila bil-kbira bdiet gejja naqra ghan-normal, imma dejjem kienet tiekol hass,tadam u rkotta. Jghid li kienet tibza’ issajjar u ommha kienet tghinha fit-tisjir. Jghid li Dr Peter Muscat kien taha l-pilloli qabel ma harget tqila u meta harget tqila kienet staqsietu jekk humiex tajbin. Jghid li wara l-ewwel tarbija marret l-Oasis u wara ftit taz-zmien regghet qabdet l-istess sistema, ma ssajjarx, issajjar ommha u jkun irid isajjar ghalih hu, u hi hass u tadam u rkotta biss. Jghid li meta kienu jigu ghall-att taz-zwieg dejjem kienet tkun ghajjiena jew ghal xi raguni ohra dejjem b'xi problema. Jghid li f'dak iz-zmien kienu marru jkellmu lil Dun Ang Seychell u kienet haditu ghand l-Avukat Tanti Dougal, pero` dak iz-zmien qatt ma kkontempla li jissepara ghax kellu t-tfal. Jghid li fiz-zmien meta ttiehdu r-ritratti esibiti mill-kovenuta, xorta kien hemm affarijiet li kienu jtuh gewwa bhal meta kien ifittixha u ma jsibiex jew meta per ezempju ma jsibx ikel id-dar. Jghid li anke l-Hadd, kienet tiehu l-affarijiet u ssajjar ghand ommha, imbaghad kienet torqod, u hu johrog lit-tfal sa Delimara.

L-**attur** ikompli jixhed in kontro-ezami waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-11 ta' Marzu 2014, u jghid, fost affarijiet ohra, illi qabel l-gherusija hija kienet qawwija, mentri meta kienu gharajjes u kienu ghadhom lanqas izzewgu, hi kienet diga` saret il-qies li tidher a fol 141 Dok PH4. Jghid li fl-1989 meta kienu gharajjes, kienu diga` bdew imorru ghand il-psikjatra, imma meta xehed il-psikjatra qal li ma sabx records. Jghid li kien qalilhom li l-problema kienet il-bulimia u kien taha xi pilloli bhala kalmant,u dan kemm fl-gherusija kif ukoll fiz-zwieg. Jghid li meta twieldet l-ewwel tifla kienet

zdiditilha l-problema, u kienet marret l-Oasis. Jghid li qabel iz-zwieg kienu wkoll marru session gewwa Villa Chelsea ghal nies li kellhom din it-tip ta' problema. Mistoqsi jekk qabel iz-zwieg kienx jaf b'certu problemi, jghid li ma kienx jaf xi tfisser din il-marda u lanqas x'inhi bulimia, u jghid li sar jaf li kienet gravissima wara li kellhom l-ewwel tarbija. Jghid li qabel iz-zwieg hi kienet tghidlu li riedet tmur ghand it-tabib u hu kien imur iwassalha. Fis-sena 1996/97 kienu marru jiffilmjaw id-dar tat-television. Fuq domanda li n-Net beda fin-1998, jghid li ma jafx ezatt meta beda n-Net.

Waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2014, ikompli jixhed l-**attur** in kontro-ezami u jghid fost affarijiet ohra illi huma qatt ma kienu jkunu wahedhom, u l-ftit li kienu jkunu wahedhom kien ikun hemm huha z-zghir maghhom. Jghid li kienu jiehdu hsieb lil huha. Jghid li qatt ma kellhom diskussjoni serja dwar il-problema li kellha l-attrici bil-bulimia, u jghid li l-unika haga li kien jaf hi li naqset mill-piz u li kienet dieta u kienet tirremetti. Bil-problema li kienet tnehhi kuljum sar jaf wara, meta kienu mizzewgin. Jghid li sar jaf x'inhi l-problema meta kien mar Noel Scerri tal-Oasi ghandhom id-dar u kien staqsih iridx jghinha. Jghid illi meta ghamel one plus one induna li l-problema kienet gejja minn meta kienet ghadha l-iskola. Jghid li qabel izzewgu ghamlet zmien tiekol tuffieha biss. Jghid li sar jaf bil-problema meta kien jisma d-diskussjonijiet bejnha u bejn ommha, ghaliex dawn kienu jsiru quddiemu. Mistoqsi ghaliex fl-gherusija ma ghamel xejn jghid li ma kienx jaf x'inhi l-marda.

Mistoqsi x'kienet ir-raguni li telaq mid-dar, jghid li ikel ma kienx isib, komunikazzjoni xejn, ikollu bicctejn hwejjeg u tgharraqomlu bil-hygiene u kien jigi trattat aghar minn kelb, ihalli l-flus hemm u jitlobha xi haga pocket money.

Jghid li bl-amment ma jiftakarx meta telaq mid-dar. Jghid li kien hemm clash meta telaq mid-dar dwar terza persuna, izda ma kien hemm xejn ma' din it-terza persuna. Jghid li kien ghamel zmien jghix ghand ommu imbaghad mar jghix ma' din il-mara li hi l-istess wahda li kellhom xi jghidu fuqha fiz-zwieg.

Waqt is-seduta tat-18 ta' Gunju 2014, ikompli jixhed l-**attur** in kontro-ezami u jghid illi it-terza persuna li semma ma kinitx ir-raguni li telaq mid-dar, hi kienet biss kollega u r-ritratti li ntbaghtu kienu taghhom waqt ikla tax-xoghol bic-chairman u b'kulhadd. Jghid li telaq mid-dar ghax ma kien moqdi f'xejn, u kien ghadda z-zmien minn mindu telaq mid-dar u l-ikla hdejn it-terza persuna. Jghid li fil frattemp kien joqghod ghand ommu jew kien jikri flat ma' zewgt ihbieb ohra. Jghid li wara li telaq mid-dar ma ghamlux tentattivi ta' rikonciljazzjoni ghaliex ga kienu ppruvaw qabel.

B'nota tal-24 ta' Gunju 2014, il-konvenuta tesebixxi kopja stampata ta' ritratt li jidher mehud fis-17 ta' Awwissu 2011 li juri l-attur barra minn Malta fil-kumpanija ta' Sabrina Schembri u bintha (Dok X a fol 241).

**Konsiderazzjonijiet**

L-attur qieghed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi annullat fuq wiehed mill-kawzali kkontemplati fil-paragrafi (b) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (h) tal- artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jibda biex jinghad illi l-gurisprudenza nostrana kostantement qieset l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta’ ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji misthoqqa. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgux, tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament tali zwieg ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost bil-ligi.

In tema legali jinghad li kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **A Zammit vs Bernardette Zammit** deciza fis-27 ta' Jannar 2006:

*“Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe’ li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe’ li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.”*

Kif enuncjat il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia** deciza fit-28 ta' Lulju 1987:

*“...ghall-Qorti n-nullita’ hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament”.*

**Artiklu 19(1)(b)**

Dan jipprovdi illi zwieg ikun null jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun eskluż minħabba żball fuq l-identità tal-parti l-oħra. Dwar dan l-artikolu, l-Qorti tirrileva li mix-xhieda tal-istess attur, ma ssir ebda referenza ghal xi forma ta' zball li seta' sar dwar l-identita' tal-partijiet jew tal-konvenuta. L-uniku accenn li jaghmel huwa l-fatt li ma kienx jaf li l-konvenuta setghet

kienet tbati minn problema psikologika jew *eating disorder*, pero’ dan ma jistax jammonta ghal zball ta’ identita’. Konsegwentement, il-Qorti m’ghandha ebda bazi fuq x’hiex tasal ghal konkluzjoni ta’ nullita' fuq din il-kawzali.

**Artiklu 19(1)(c)**

Din il-kawzali tipprovdi illi zwieg ikun null jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista’ mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa.

In tema legali, ssir referenza ghas-sentenza **Louis Agius vs Georgia Agius xebba Gauci**, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru 1988 fejn inghatat is-segwenti interpretazzjoni tal-istess kawzali:

*“Hu ovvju li hawn qeghdin fil-kamp ta' 'moral substitution' u kif spjegat mill-awturi (Ara* ***Wrenn L.*** *"Annullment" p 82 et seq.) din tissussisti "when the quality is (I) an inherent property of the person and not some isolated past action; (II) present at the time of the wedding; (III) grave either objectively or subjectively; (IV) unknown to the other party; (V) fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent. Lastly the quality must provoke a crisis on discovery; otherwise the presumption would be that the error was not in fact substantial.”*

Ferm il-premess, din il-Qorti zzid illi l-qerq ma jista` bl-ebda mod jigi prezunt u ghandu dejjem jigi ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi. Il-Prim’ Awla fis-sentenza **John Borg vs Paula sive Polly Borg** deciza fit-22 ta' Mejju 1995 osservat li: *"kieku dak il-paragrafu 19 (1) (c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-porpjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg."*

Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija fid-29 ta’ Novembru 2013 fl-ismijiet **Isabelle Rossi vs Michael Rossi** fejn il-Qorti tal-Appell ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:-

*“L-ewwel kawzali u cioe` s-subinciz (c) huwa dak tal-qerq; ....*

*Fir-rigward tas-subinciz (c) infatti l-Prim’Awla tal-*Qorti *Civili fil-kawza Mary Farrugia v. A Farrugia (13 ta’ Marzu 1995) qalet illi: “Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvistat fil-paragrafu inkwistjoni iridu jikkonkorru erbgha affarijiet;*

*1. Il-qerq ipperpetrat bil-hsieb li jikseb il-kunsens tal-parti;*
*2. Li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;*
*3. Li l-qerq ikun jirrigwardja xi kwalita' tal-parti l-ohra u*
*4. Li din il-kwalita' tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."*

Fi kliem iehor, irid ikun hemm l-intenzjoni pozittiva ta' wahda mill-partijiet li tikkonvinci lill-ohra tersaq ghaz-zwieg tramite raggiri li jqarrqu biha.

L-attur jittanta jibbaza din il-kawzali fuq il-fatt li l-konvenuta allegatament hbietlu l-kundizzjoni psikjatrika taghha, jew ahjar, hbietlu l-fatt illi hija kienet bulimic. Da parti taghha l-konvenuta tishaq illi din il-kundizzjoni zviluppatilha b'konsegwenza tal-*post natal depression* illi qabditha wara li kellha l-ewwel tifla, li giet minnha kkurata bl-ghajnuna ta' programm residenzjali gewwa Ghawdex ftit qabel ma twieldet it-tieni tifla tal-partijiet.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-konvenuta tqajjem diversi inkonsistenzi fix-xhieda tal-attur, li jitfghu dell fuq il-kredibilita` tieghu u l-verosimilita` tal-allegazzjonijiet tieghu. B'mod partikolari din il-Qorti tinnota li fix-xhieda tieghu in kontro-ezami tas-6 ta' Mejju 2014, l-attur jghid illi sar jaf bil-problema ghaliex waqt l-gherusija kien jisma' id-diskussjonijiet bejn il-konvenuta u ommha. In kontro-ezami waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu 2014, huwa jghid illi fis-sena 1989 meta kienu gharajjes kienu diga' bdew imorru ghand psikjatra u li dan il-psikjatra kien qalilhom li l-problema kienet il-bulimja u li kien taha xi kalmanti. Izda iktar 'l quddiem fl-istess xhieda jghid illi ma kienx jaf xi tfisser bulimia u kien biss wara li kellhom l-ewwel wild illi sar jaf bil-gravita` tal-problema.

Iktar minn hekk, fl-affidavit inizjali tieghu a fol 24 et seq, ma jsemmi xejn dwar il-fatt illi huwa kien konxju minn xi problemi psikjatrici tal-konvenuta anke waqt l-gherusija, anzi huwa jghid illi *"Meta skoprejt bil-marda illi kellha l-konvenuta konna tkellimna mal-Fondazzjoni OASI biex jaghtuha l-ghajnuna. Dan kien fiz-zmien meta diga` kellna lit-tifla l-kbira D."* Ghalhekk l-affidavit tieghu, filwaqt illi jmur kontra ix-xhieda tieghu in kontro-ezami iccitata aktar 'l fuq, jikkonferma illi l-problema harget wara li kellhom l-ewwel tifla, b'dan illi tissahhah it-tezi tal-konvenuta illi l-kawza tal-problema taghha kienet propju l-post natal depression.

Fi kwalunkwe kaz, l-aggravju tal-attur taht din il-kawzali tfalli minn kull lat. Jekk tittiehed bhala minnha x-xhieda tieghu illi huwa stess kien hadha ghand il-psikjatra qabel iz-zwieg, liema psikjatra kien qalilhom illi kienet qed tbati mill-bulimija, allura zgur illi l-konvenuta ma zammet xejn mistur minnu. Jekk min-naha l-ohra, huwa minnu dak li jistqarr fl-affidavit tieghu illi sar jaf bil-

problema wara li kellhom l-ewwel wild, huwa xorta naqas milli jipprova li din il-problema kienet pre-ezistenti ghaz-zwieg, tant li Dr Peter Muscat stess, il-psikjatra in kwistjoni, jikkonferma illi kien biss wara li kellha l-ewwel tifla, u meta kienet ga tqila bit-tieni wahda illi huwa ltaqa` mal-konvenuta ghall-ewwel darba.

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur ma rnexxilux jipprova din il-kawzali sal-grad rikjest mill-ligi.

**Artiklu 19(1)(d)**

Dan jipprovdi illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

Dwar din il-kawzali inghad fil-kawza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju 2003:

*"Il-kuncett tad-'discretio judici' ma jirrekjedhiex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-giudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghamilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u ir-responsabiltajiet li jgib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom."*

Fil-kawza **Melanie Borg Cachia vs A Borg** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis 26 ta' Ottubru 2000 ntqal:

*"Id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga."*

Fil-kawza **Alessandra sive Sandra McMonagale qabel Mamo vs Mario Mamo** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2000 ntqal inter alia s-segwenti:

*"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrefletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*

Aktar recenti, f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Simon Cusens vs Romina Cusens** moghtija fit-12 ta' Frar 2016 li permezz taghha giet konfermata sentenza moghtija fil-prim' istanza intqal illi :-

*"40. In propozitu jinsab ritenut fil-kawza Appell Civili Josette Spiteri v George Spiteri [Vol.LXXXV.II.81] li fil-gurisprudenza patria jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b'mod sostanzjali, jew ahjar "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritikovalutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju [Prim'Awla Selina CVella Haber v. A Gatt – 15.4.1996].*

*41. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-**inkapacita` psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku]** (emfasis ta' din il-Qorti) jew konstituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali li tkun mahkuma minn impulsi nterni li "nehhewlha" l-liberta` tal-ghazla, li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha.*

*42. Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi pprovat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta.*

*43. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." [Bersini - citat fil-kawza Prim'Awla Angela Spiteri Selvaggi v. A Spiteri deciza 4.11.1994].L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett*

*ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli diretta ghall-komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied. Din il-kapacita` li jassumi dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. [Prim'Awla Charles Atkins v. Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

*44. Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita` ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis. Ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita` jew edukazzjoni, izda talanqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg [Prim'Awla Melanie Borg Cardona v. A Borg deciza 29.10.2003] [vide ukoll Appell Civili Caroline Grech v. Ian Borg, deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati].*

*45. L-immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento, ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena" [Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrajn citati fil-kawza Prim'Awla Nicholas Agius v. Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza Appell Civili Caroline Grech v. Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006] supra].*

*46. Inoltre, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta' maturita` affettiva li jimporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" [Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza Appell Civili Raymond Theuma v. C Theuma deciza 27 ta' Jannar 2006]."*

In kwantu l-anomalija psikologika ikkontemplata f'din il-kawzali, jinghad li dak li jrid jigi pruvat huwa li din tkun wahda serja, li taghmilha impossibbli, u mhux semplicement difficli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg [vide in materja App.C. **Mario Mizzi vs Maris Mizzi** – 15.11.2005]. Inoltre, huwa biss f'kaz li parti fiz-zwieg minhabba xi anomalija psikologika serja, ma tkunx tista taghti (mhux semplicement 'ma taghtix') lilha nnifisha fit-totalita' taghha lill-parti l-ohra b' mod permanenti, kontinwu u esklussiv, u

li tali anomalija tkun tissussisti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, li tkun tissussisti l-anomalija psikologika serja ghall-finijiet ta' dan l-aggravju [vide in materja PA **Josette Fardell vs Raymond Galea** – 17.06.2002].

Lura ghal din il-kawza, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Fl-ewwel lok tosserva illi hija rinfaccata b'zewg verzjonijiet kontrastanti dwar l-gherusija u l-animu li bih il-partijiet dahlu ghaz-zwieg. Min-naha wahda l-attur ipingi stampa ta' tnejn min-nies, li minkejja l-gherusija twila ta' izjed minn tmien snin, dahlu ghaz-zwieg minghajr hsieb partikolari, u minghajr ma saru jafu verament lil xulxin. Huwa jallega wkoll li dahal fir-relazzjoni mal-kovenuta sabiex jaqta` minn ma' grupp ta' hbieb li kien qed jibza ser igibuh fl-inkwiet.

Min-naha l-ohra l-konvenuta tirrelata kif huma ghexu gherusija normali, fejn saru jafu lil xulxin u kienu jqattghu hafna hin flimkien, tant li anke certu xogholijiet flimkien kienu jaghmlu. Hija esebiet ukoll bosta ritratti li jixhdu whud mill-mumenti li kienu jqattghu flimkien, kemm wahedhom kif ukoll mal-hbieb u waqt li qed jirrangaw il-post. Tghid ukoll li kienet decizjoni kongunta illi jizzewgu u li t-tnejn kienu herqana ghaz-zwieg.

Din il-Qorti temmen din l-ahhar verzjoni, ossia illi z-zwieg kien ippjanat u volut miz-zewg partijiet, u ma tirrizulta ebda raguni li tista` tindika li xi hadd minnhom kien nieqes minn poteri diskrezzjonali sufficcjenti sabiex jaghraf l-obbligi u r-responsabbiltajiet essenzjali tal-hajja mizzewga. Anke kieku ghall-grazzja tal-argument l-attur kien dahal ghar-relazzjoni mal-konvenuta sabiex johrog mic-cirku ta' hbieb li kellu, l-gherusija damet ben tmien snin, u huwa zzewweg meta kien diga` qorob it-tletin sena, b'dan illi kellu kemm ic-cans kif ukoll il-maturita` necessarja sabiex johrog minn relazzjoni li fiha ma kienx ghal qalbu kieku kien dak il-kaz.

Lanqas ma rrizulta xejn mill-provi li jista` jindika li fil-mument tal-kunsens, il-konvenuta kellha difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet essenzjali taghha, jew li kienet tbati minn anomalija psikologika li ghamlitha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Mir-rakkont taz-zewg partijiet huwa car illi l-ewwel ftit zmien taz-zwieg kien wiehed normali fejn il-partijiet ma kellhomx problemi, u minn imkien ma jirrizulta illi l-konvenuta dahlet ghaz-zwieg minghajr l-intenzjoni li terfa` r-responsabbiltajiet inerenti ghaz-zwieg. Kien biss meta twieldet l-ewwel tifla illi jidher li bdew il-problemi u dan minhabba l-*post natal depression* li kienet qed tbati minnha l-konvenuta, li wasslitha wkoll sabiex tizviluppa *eating disorder*. Kien propju minhabba f'dan illi ghal xi zmien, il-konvenuta setghet batiet sabiex taqdi d-dmirijiet taghha ta' mara mizzewga, partikolarment illi ssajjar u li tkun intima mal-attur – zewg mansjonijiet illi wiehed jifhem li

kienu jirrizultawlha difficli meta hi kienet ghaddejja minn stat mentali daqshekk hazin.

F'ebda mument izda ma rrizulta illi fil-mument tal-kunsens kien hemm xi nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jew xi anomalija psikologika da parti ta' xi wahda mill-partijiet li seta` jirrendi l-ghoti tal-kunsens da parti taghha wiehed null.

Fis-sentenza **Al Chahid vs Mary Spiteri** deciza wkoll mill-Prim’ Awla fil-5 ta' Gunju 2002, ghalkemm il-Qorti kienet qed tithaddet dwar il-kawzali taht l-Artiklu 19 (1) (f), ghamlet osservazzjoni li hija rilevanti wkoll ghall-kawzali de quo, ossia illi trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghaliex fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg, il-kunsens ta' xi parti minnhom ikun vizzjat. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaqghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estrmi tal-annullament taz-zwieg.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-kawzali imsejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (d) hija ghal kollox infondata.

**Artiklu 19(1)(h)**

Kawzali ohra tal-attur hija msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi illi zwieg huwa null jekk xi waħda mill-partijiet, għalkemm ma tkunx interdetta jew marida b’moħħha, ma kellhiex fiż-żmien li sar iż-żwieġ, ukoll minħabba raġuni temporanja, setgħat intelletwali jew ta’ rieda biżżejjed biex jinħoloq kunsens għaż-żwieġ.

Ghalhekk, sabiex jigi pruvat li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ai termini ta’ dan l-Artikolu, kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li fil-hin tal-kunsens, il-konvenuta ma setghetx taghti kunsens liberu u ma kellhiex rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Huwa il-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le.

Applikati dawn il-principli legali ghal kaz in ezami, u anke b'referenza ghall-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti taht il-kawzali tal-Artiklu 19(1)(c) u (d), jigi rilevat li l-attur ma ressaq ebda prova li tista’ b’xi mod twassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li dan il-*caput nullitatis* jista’ jsib xi fondament fil-kaz odjern.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tichad it-talbiet tal-attur fl-intier taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**